MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 494/2000/1

**Rita Livori et**
**vs**
**Tarcisio Cassar et**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 5;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Cassar a fol. 45; tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a fol. 78 u tal-konvenuti Awtorita' ta' Ippjanar a fol. 68;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw it-talba a fol. 257;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghal provvediment fuq it-talba a fol. 257 ghall kjamat fil-kawza li saret mill-attrici biex jissejjhu fil-kawza d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Lokali taz-Zejtun.

Illi dina t-talba qed issir in vista ta' dak li xehdet WPC 90 Antonella Busutill a fol 193 tal-process fejn xehdet li "fil-1998 gew imwaqqa' (sic) mal-Kunsill Lokali u issa qeghdin it-Trading Licence Unit."

Illi fic-citazzjoni, fit-talbiet li jirrigwardaw il-Kummissarju tal-Pulizija li hareg il-licenzji, hemm mitlub li l-Qorti -

Tiddikjara illi l-hrug tal-licenzja numru TL/C/83/96 da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar sar abbuzivament u illegalment u li fil-hrug tal-imsemmija licenzja ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti mil-ligi;

Tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrevoka l-imsemmija licenzja numru TL/C/83/96 kif ukoll kull licenzja u permess iehor minnu mahruga rigwardanti l-istess sit a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar;

Illi kwantu ghal l-ewwel talba fejn qed jigi mitlub li jigi dikjarat li l-hrug tal-licenzja favur il-konvenut saret abbuzivament u llegalment il-Kunsill Lokali ma jistax ikun il-legittimu kontradittur u ma jista' jkollu ebda interess guridiku billi ma hareg ebda licenzja u l-allegat abbuz ma sarx minnu.

Kwantu ghat tieni talba ta' l-attrici fis-sens li l-Kummissarju jigi kkundannat jirrevoka l-imsemmija licenzja, jekk jirrizulta li l-hrug tal-licenzja saret abbuzivament, u dika l-licenzja tigi dikjarata abbuziva mill-Qorti, awtomatikament

hi ma tibqax tigi meqjusa valida. Inoltre billi dik il-licenzja trid tigi mgedda kull sena, jekk tavverra ruhha dina l-eventwalita l-licenzja *de quo* ma tibqax tigi rinovata.

Ghalhekk mhux il-kaz li jigu kjamati fil-kawza l-Kunsilli Lokali msemmija.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddecidi
billi tichad it-talba ta' l-attrici ghall kjamat fil-kawza;
bl-ispejjez kontra l-attrici
u tiddifferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni tal-provi ta' l-attrici.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------